PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2007/0167(CNS)

10.1.2008

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni
(COM(2007)0466 – C6-0303/2007 – 2007/0167(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Luciana Sbarbati,

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 22

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni
(COM(2007)0466 – C6-0303/2007 – 2007/0167(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0466),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 66 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0303/2007),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0000/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, b'konformità ma' l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi mill-Parlament
Emenda 1 Titolu	
Proposta għal	Proposta għal
DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni	**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL** li tistabbilixxi Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil

Ġustifikazzjoni

In-Netwerk Ewropew jieħu ħsieb il-ġabra u l-iskambju ta' informazzjoni rigward l-immigrazzjoni u l-asil, li għandu jkun speċifikat, anki fl-akronimu (REMA). L-emenda titlob li jinbidel it-test kollu tal-proposta "Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni", u jsir "Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni u l-Asil", u "EMN", isir "EMAN" (bl-eċċezzjoni tal-kunsiderazzjonijiet mill-1 għall-5 li jirreferu għad-denominazzjoni fis-seħħ sad-data ta' llum).

Emenda 2
Premessa 6

L-EMN għandu jevita li jidduplika x-xogħol ta' strumenti jew strutturi eżistenti tal-Komunità li għandhom l-għan li jiġbru u jiskambjaw informazzjoni fl-oqsma tal-migrazzjoni u asil u għandu jipprovdi valur miżjud meta mqabbel magħhom, b'mod partikolari permezz tal-firxa wiesgħa tal-karigi tiegħu, attenzjoni qawwija fuq analiżi, rabtiet mal-komunità akkademika u disponibbiltà pubblika ta' l-outputs tiegħu.	L-***EMAN*** għandu jevita li jidduplika x-xogħol ta' strumenti jew strutturi eżistenti tal-Komunità li għandhom l-għan li jiġbru u jagħmlu skambju ta' informazzjoni fl-oqsma tal-migrazzjoni u asil u għandu jipprovdi valur miżjud meta mqabbel magħhom, b'mod partikolari permezz tal-firxa wiesgħa tal-karigi tiegħu, ta' l-attenzjoni qawwija fuq l-analiżi, tar-rabtiet mal-komunità akkademika, ***ma' l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali*** u tad-disponibbiltà pubblika ta' l-outputs tiegħu. *(jekk din l-emenda dwar it-taqsira "REMA" tiġi adottata, għandha tapplika fit-test kollu, minbarra għall-viżi fil-premessi 1 sa 5)*

Ġustifikazzjoni

In-Netwerk Ewropw jieħu ħsieb il-ġabra u l-iskambju ta' informazzjoni rigward l-immigrazzjoni u l-asil, li għandu jkun speċifikat, anki fl-akronimu (EMAN). L-emenda titlob li jinbidel it-test kollu tal-proposta "Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni", u ssir "Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni u l-Asil", u "EMN", issir "EMAN" (bl-eċċezzjoni tal-kunsiderazzjonijiet mill-1 għall-5 li jirreferu għad-denominazzjoni fis-seħħ sad-data ta' llum).

L-EMAN jista' jibbaża l-ħidma tiegħu fuq l-informazzjonijiet li jiġu mill-amministrazzjoni ta' l-Istat, mill-universitajiet, miċ-ċentri ta' riċerka, mill-NGOs u mill-organizzazzjonijiet internazzjonali.

Emenda 3
Premessa 6 a (ġdida)

6a) Fost strumenti u strutturi eżistenti

oħra, ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Ġunju 2007 dwar l-istatistiċi Komunitarji dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali[1], huwa punt ta' referenza importanti għat-tħaddim tan-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni.Għandha wkoll tingħata attenzzjoni lix-xogħol ta' siwi li jsir miċ-CIREFI[2] u lid-Direttiva tal-Kunsill 2005/267/KE tas-16 ta' Marzu 2005 li twaqqaf Netwerk sikura, ibbażata fl-internet dwar Informazzjoni u Koordinazzjoni għas-Servizzi ta' l-Immaniġġjar tal-Migrazzjoni ta' l-Istati Membri[3] (ICOnet).

-{}-1. ĠU L 199, 1.4.2005, p. 23.

2. Ċentru ta' Informazzjoni, Diskussjoni u Skambju dwar il-Qsim tal-Fruntieri u l-Immigrazzjoni (CIREFI), kif imwaqqaf wara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 1994 (ĠU C 274, 19.09.1996, paġna 50).

3. ĠU L 83, 1.4.2005, p. 48.

Ġustifikazzjoni

L-introduzzjoni ta' proposta tal-Kunsill li tista' tkun aċċettabbli għall-Parlament.

Emenda 4
Premessa 8

(8) Sabiex ikun żgur li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għandhom l-esperjenża meħtieġa biex jindirizzaw l-aspetti varji ta' kwistjonijiet ta' migrazzjoni uażil, għandhom ikunu ffurmati minn ta' l-inqas tliet esperti li, individwalment jew flimkien, għandhom kompetenzi fis-setturi li ġejjin: il-proċess biex jittieħdu deċiżjonijiet, liġi, riċerka u statistika Dawn l-esperti jistgħu jiġu mill-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri jew minn kwalunkwe organizzazzjoni oħra.	(8) Sabiex ikun żgur li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għandhom l-esperjenża meħtieġa biex jindirizzaw l-aspetti varji ta' kwistjonijiet ta' migrazzjoni uażil, għandhom ikunu ffurmati minn ta' l-inqas tliet esperti ***minn oqsma differenti (amministrazzjoni, organizzazzjonijiet mhux governattivi u universitajiet)*** li, individwalment jew flimkien, għandhom kompetenzi fis-setturi li ġejjin: il-proċess biex jittieħdu deċiżjonijiet, liġi, riċerka u statistika Tali persuni jistgħu jkunu maqtugħa mill-amministrazzjoni ta' l-Istati Membri jew ta' organizzazzjonijiet oħra ***mhux governattivi jew universitajiet u***

ċentri ta' riċerka.
Kull Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għandu jkollu b'mod kollettiv esperjenza xierqa fit-teknoloġija informatika, fit-twaqqif ta' skemi ta' kollaborazzjoni u netwerking ma' organizzazzjonijiet nazzjonali u entitajiet oħra, u fil-kollaborazzjoni f'ambjent multilingwu fuq il-livell Ewropew.

Ġustifikazzjoni

L-EMAN jista' jibbaża l-ħidma tiegħu fuq l-informazzjonijiet li jiġu mill-amministrazzjoni ta' l-Istat, mill-universitajiet, miċ-ċentri ta' riċerka, mill-NGOs u mill-organizzazzjonijiet internazzjonali. A text agreed by the Council is added, as it can be acceptable to the EP.

Emenda 5
Premessa 9

Kull Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għandu jwaqqaf netwerk ta' migrazzjoni nazzjonali, iffurmat minn organizzazzjonijiet u individwi attivi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil, u li jinkludu, pereżempju, universitajiet, organizzazzjonijiet ta' riċerka u riċerkaturi, organizzazzjonijiet governattivi u non-governattivi u organizzazzjonijiet internazzjonali, sabiex tingħata vuċi lill-partijiet interessati kollha.	Kull Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għandu jwaqqaf netwerk ta' migrazzjoni nazzjonali, iffurmat minn organizzazzjonijiet u individwi attivi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil, u li jinkludu, pereżempju, universitajiet, organizzazzjonijiet ta' riċerka u riċerkaturi, organizzazzjonijiet governattivi u non-governattivi u organizzazzjonijiet internazzjonali, sabiex tingħata vuċi lill-partijiet interessati kollha.

Ġustifikazzjoni

L-EMAN jista' jibbaża l-ħidma tiegħu fuq l-informazzjonijiet li jiġu mill-amministrazzjoni ta' l-Istat, mill-universitajiet, miċ-ċentri ta' riċerka, mill-NGOs u mill-organizzazzjonijiet internazzjonali.

Emenda 6
Premessa 12

Fejn meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu, l-EMN għandu jkun jista' jwaqqaf relazzjonijiet ta' kooperazzjoni ma' entitajiet oħra attivi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil. Meta jitwaqqfu relazzjonijiet bħal dawn, għandha tingħata	Fejn meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu, l-EMN għandu jkun jista' jwaqqaf relazzjonijiet ta' kooperazzjoni ma' entitajiet oħra attivi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil. Meta jitwaqqfu relazzjonijiet bħal dawn, għandha tingħata

attenzjoni partikolari biex ikun żgurat grad tajjeb ta' kooperazzjoni ma' entitajiet fid-Danimarka, in-Norveġja, l-Islanda, l-Isvizzera, il-pajjiżi kandidati, il-pajjiżi li jiffurmaw parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat u r-Russja.	attenzjoni partikolari biex ikun żgurat grad tajjeb ta' kooperazzjoni ***partikularment*** ma' entitajiet fid-Danimarka, in-Norveġja, l-Islanda, l-Isvizzera, il-pajjiżi kandidati, il-pajjiżi li jiffurmaw parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat u r-Russja, ***kif ukoll ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u mal-pajjiżi ta' oriġini ta' min jitlob l-ażil u ta' l-immigranti.***

Ġustifikazzjoni

L-EMAN jista' jibbaża l-ħidma tiegħu fuq l-informazzjonijiet li jiġu mill-amministrazzjoni ta' l-Istat, mill-universitajiet, miċ-ċentri ta' riċerka, mill-NGOs u mill-organizzazzjonijiet internazzjonali. fl-istess ħin, huwa meħtieġ li tkun żgurata kollaborazzjoni fl-iskambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi speċifiċi rilevanti għall-ħidma ta' l-EMAN.

Emenda 7
Premessa 14

(14) Bir-rispett tas-sistema ta' skambju ta' informazzjoni ta' l-EMN, trid titqies id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 Ottubru 1995 fuq il-protezzjoni ta' individwi rigward l-ipproċessar ta' data personali u l-moviment liberu ta' din id-data u għar-Regolament (KE) Nru. 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 fuq il-protezzjoni ta' individwi rigward l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u korpi tal-Komunità u l-moviment liberu ta' din id-data.	Bir-rispett tas-sistema ta' skambju ta' informazzjoni ta' l-EMN, iridu jitqiesu r-***Regolament (KE) nru. 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2001 dwar l-aċċess tal-pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni,*** id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 Ottubru 1995 fuq il-protezzjoni ta' individwi rigward l-ipproċessar ta' data personali u l-moviment liberu ta' din id-data u għar-Regolament (KE) Nru. 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 fuq il-protezzjoni ta' individwi rigward l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u korpi tal-Komunità u l-moviment liberu ta' din id-data.

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jkun żgurat li l-aċċess għad-dokumenti ta' l-EMAN jkun konformi mar-Regolament 1049/2001 u li d-dejta, l-informazzjoni, ir-rapporti u l-evalwazzjonijiet ta' l-EMAN ikunu aċċessibbli għall-pubbliku, billi tkun garantita l-akbar medda ta' distribuzzjoni possibbli.

Emenda 8
Premessa 14 a (ġdida)

(14a) Ir-Renju Unit, f'konformità ma' l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 tal-Protokoll imsemmi, mhix qed tipparteċipa fl-adozzjoni ta' dawn id-Deċiżjonijiet u mhix marbuta bihom jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħhom.

Ġustifikazzjoni

Qed jiġi miżjud it-test miftiehem mill-Kunsill, peress li jista' jkun aċċettabbli għall-PE. Tingħibed l-attenzjoni lejn il-fatt li għadu ma skadiex iż-żmien għall-proċedura neċessarja biex ma jkunx hemm parteċipazzjoni. Fil-każ ta' tlestija, sad-data ta' l-iskadenza, tal-proċedura neċessarja biex ma jkunx hemm parteċipazzjoni, din il-premessa tiġi emendata kif xieraq.

Emenda 9
Premessa 14 b (ġdida)

L-Irlanda, f'konformità ma' l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 tal-Protokoll imsemmi, mhix qed tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

Ġustifikazzjoni

Qed jiġi miżjud it-test miftiehem mill-Kunsill, peress li jista' jkun aċċettabbli għall-PE. Tingħibed l-attenzjoni lejn il-fatt li għadu ma skadiex iż-żmien għall-proċedura neċessarja biex ma jkunx hemm parteċipazzjoni. Fil-każ ta' tlestija, sad-data ta' l-iskadenza, tal-proċedura neċessarja biex ma jkunx hemm parteċipazzjoni, din il-premessa tiġi emendata kif xieraq.

Emenda 10
Artikolu 1

Qiegħed b'dan jiġi stabbilit netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni (minn issa 'l quddiem l-EMN).	Qiegħed b'dan jiġi stabbilit netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni (minn issa 'l quddiem l-EMN).
L-għan ta' l-EMN għandu jkun li jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' informazzjoni ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità, l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri *u l-istituzzjonijiet*, u l-pubbliku ġenerali dwar migrazzjoni u ażil, billi jipprovdi informazzjoni aġġornata, oġġettiva, affidabbli u kumparabbli dwar migrazzjoni u ażil, bil-għan li jappoġġja t-tfassil ta' politika u deċiżjonijiet fl-Unjoni Ewropea f'dawn l-oqsma.	L-għan ta' l-EMN ***huwa*** li jintlaħqu l-ħtiġijiet ta' informazzjoni ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità, ta' l-awtoritajiet *u ta' l-istituzzjonijiet* ta' l-Istati Membri, u tal-pubbliku ġenerali, ***kif ukoll tal-migranti u ta' dawk li jitolbu l-ażil, ta' l-Istati Terzi u ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali,*** dwar migrazzjoni u ażil, billi jipprovdi informazzjoni aġġornata, oġġettiva, affidabbli u kumparabbli dwar migrazzjoni u ażil, bil-għan li tappoġġja t-tfassil ta' politika u deċiżjonijiet fl-Unjoni Ewropea f'dawn l-oqsma.

Ġustifikazzjoni

L-informazzjoni miġbura dwar l-EMAN hija rilevanti għall-interlokuturi interni u esterni kollha ta' l-UE.

Emenda 11
Artikolu 1, paragrafu 2 a (ġdid)

	L-EMN se jipprovdi wkoll lill-pubbliku b'informazzjoni dwar dawn is-suġġetti.

Emenda 12
Artikolu 2, point (a)

jiġbor u jiskambja data u informazzjoni aġġornata minn firxa ta' sorsi, inkluża d-dinja akkademika;	a) jiġbor u jagħmel skambju ta' data u informazzjoni aġġornata ***u serja*** minn firxa ta' sorsi, inkluża d-dinja akkademika ***u l-NGOs***;

Ġustifikazzjoni

Il-ħidma ta' l-EMAN trid tinkludi wkoll it-twettiq ta' analiżi u paragun ta' liġijiet u politiki Ewropej, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-liġijiet Ewropej u internazzjonali fuq il-livell nazzjonali, kif ukoll it-tfassil ta' rakkomandazzjonijiet u konklużjonjiet, b'koperazzjoni bejn l-atturi kollha involuti u interessati u bit-tixrid ta' informazzjoni. Bil-għan li l-paragun ta' dejta jkun possibbli fuq il-livell Ewropew, l-EMAN trid tkun tista' tikkontribwixxi lejn l-istabbiliment progressiv ta' indikaturi u kriterji komuni.

Emenda 13
Artikolu 2, punt (b)

Janalizza d-data u l-informazzjoni msemmija fil-punt (a) u jipprovdiha f'format faċilment aċċessibbli;	b) janalizza d-data u l-informazzjoni msemmija fil-punt a) u jipprovdiha b'mod faċilment aċċessibbli, ***li jiftiehem u li jista' jkun paragunat;***

Ġustifikazzjoni

Il-ħidma ta' l-EMAN trid tinkludi wkoll it-twettiq ta' analiżi u paragun ta' liġijiet u politiki Ewropej, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-liġijiet Ewropej u internazzjonali fuq il-livell nazzjonali, kif ukoll it-tfassil ta' rakkomandazzjonijiet u konklużjonjiet, b'koperazzjoni bejn l-atturi kollha involuti u interessati u bit-tixrid ta' informazzjoni. Bil-għan li l-paragun ta' dejta jkun possibbli fuq il-livell Ewropew, l-EMAN trid tkun tista' tikkontribwixxi lejn l-istabbiliment progressiv ta' indikaturi u kriterji komuni.

Emenda 14
Artikolu 2, punt (c)

jiżviluppa metodi għat-titjib tal-kumparabbiltà, l-oġġettività u l-affidabbiltà tad-data fil-livell Komunitarju bit-twaqqif ta' indikatur u kriterji li jtejjbu l-*konsistenza* ta' l-informazzjoni u jgħinu fl-iżvilupp ta' attivitajiet tal-Komunità relatati ma' l-istatistika migratorja;	c) jiżviluppa metodi għat-titjib tal-kumparabbiltà, l-oġġettività u l-affidabbiltà tad-data fil-livell Komunitarju bit-twaqqif ta' indikaturi u kriterji li jtejjbu l-*koerenza* ta' l-informazzjoni u jgħinu fl-iżvilupp ta' l-attivitajiet tal-Komunità relatati ma' *l-*istatistika migratorja, ***kif ukoll ma' l-ażil, bil-għan li tintlaħaq armonizzazzjoni fuq il-livell Ewropew ta' tali indikaturi u kriterji, b'kollaborazzjoni ma' organi oħra Ewropej kompetenti;***

Ġustifikazzjoni

Il-ħidma ta' l-EMAN trid tinkludi wkoll it-twettiq ta' analiżi u paragun ta' liġijiet u politiki Ewropej, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-liġijiet Ewropej u internazzjonali fuq il-livell nazzjonali, kif ukoll it-tfassil ta' rakkomandazzjonijiet u konklużjonjiet, b'koperazzjoni bejn l-atturi kollha involuti u interessati u bit-tixrid ta' informazzjoni. Bil-għan li l-paragun ta' dejta jkun possibbli fuq il-livell Ewropew, l-EMAN trid tkun tista' tikkontribwixxi lejn l-istabbiliment progressiv ta' indikaturi u kriterji komuni.

Emenda 15
Artikolu 2, punt (d)

jippubblika rapporti perjodiċi dwar is-sitwazzjoni tal-migrazzjoni u ażil fil-	d) ***jipproduċi u*** jippubblika rapporti perjodiċi dwar is-sitwazzjoni tal-

Komunità u l-Istati Membri tagħha;	migrazzjoni u l-ażil fil-Komunità u l-Istati Membri tagħha;

Ġustifikazzjoni

Il-ħidma ta' l-EMAN trid tinkludi wkoll it-twettiq ta' analiżi u paragun ta' liġijiet u politiki Ewropej, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-liġijiet Ewropej u internazzjonali fuq il-livell nazzjonali, kif ukoll it-tfassil ta' rakkomandazzjonijiet u konklużjonjiet, b'koperazzjoni bejn l-atturi kollha involuti u interessati u bit-tixrid ta' informazzjoni. Bil-għan li l-paragun ta' dejta jkun possibbli fuq il-livell Ewropew, l-EMAN trid tkun tista' tikkontribwixxi lejn l-istabbiliment progressiv ta' indikaturi u kriterji komuni.

Emenda 16
Artikolu 2, punt (d a) (ġdid)

	d a) jiġbor u jippublika l-liġijiet u r-regolamenti Ewropej u ta' l-Istati Membri fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti (kwoti, regolarizzazzjoni, kundizzjonijiet għat-talba ta' status ta' rifuġjat, prassi u każistika fir-rigward, etc);

Ġustifikazzjoni

Il-ħidma ta' l-EMAN trid tinkludi wkoll it-twettiq ta' analiżi u paragun ta' liġijiet u politiki Ewropej, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-liġijiet Ewropej u internazzjonali fuq il-livell nazzjonali, kif ukoll it-tfassil ta' rakkomandazzjonijiet u konklużjonjiet, b'koperazzjoni bejn l-atturi kollha involuti u interessati u bit-tixrid ta' informazzjoni. Bil-għan li l-paragun ta' dejta jkun possibbli fuq il-livell Ewropew, l-EMAN trid tkun tista' tikkontribwixxi lejn l-istabbiliment progressiv ta' indikaturi u kriterji komuni.

Emenda 17
Artikolu 2, punt (d b) (ġdid)

	d b) tfassal analiżi, evalwazzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u konklużjonijiet dwar l-applikazzjoni fl-Istati Membri tad-Direttivi Ewropej dwar il-migrazzjoni u l-ażil, dwar il-konformità tal-liġijiet nazzjonali ma' dawk Ewropej u internazzjonali, fuq talba tal-Kummissjoni, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, bil-għan li jappoġġjaw il-ħidma rispettiva tagħhom;

Ġustifikazzjoni

Il-ħidma ta' l-EMAN trid tinkludi wkoll it-twettiq ta' analiżi u paragun ta' liġijiet u politiki Ewropej, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-liġijiet Ewropej u internazzjonali fuq il-livell nazzjonali, kif ukoll it-tfassil ta' rakkomandazzjonijiet u konklużjonjiet, b'koperazzjoni bejn l-atturi kollha involuti u interessati u bit-tixrid ta' informazzjoni. Bil-għan li l-paragun ta' dejta jkun possibbli fuq il-livell Ewropew, l-EMAN trid tkun tista' tikkontribwixxi lejn l-istabbiliment progressiv ta' indikaturi u kriterji komuni.

Emenda 18
Artikolu 2, punt (f)

jżid l-għarfien dwar l-EMN, billi jipprovdi aċċess għall-informazzjoni li jiġbor u jxerred l-output ta' l-EMN;	f) iżid l-għarfien dwar l-EMN, billi jipprovdi aċċess għall-informazzjoni li jiġbor u jxerred ***kemm jista' jkun*** l-output ***possibbli*** ta' l-EMN;

Ġustifikazzjoni

Il-ħidma ta' l-EMAN trid tinkludi wkoll it-twettiq ta' analiżi u paragun ta' liġijiet u politiki Ewropej, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-liġijiet Ewropej u internazzjonali fuq il-livell nazzjonali, kif ukoll it-tfassil ta' rakkomandazzjonijiet u konklużjonjiet, b'koperazzjoni bejn l-atturi kollha involuti u interessati u bit-tixrid ta' informazzjoni. Bil-għan li l-paragun ta' dejta jkun possibbli fuq il-livell Ewropew, l-EMAN trid tkun tista' tikkontribwixxi lejn l-istabbiliment progressiv ta' indikaturi u kriterji komuni.

Emenda 19
Artikolu 2 punt (g)

jikoordina l-informazzjoni u l-kooperazzjoni ma' korpi Ewropej u internazzjonali oħra rilevanti.	g) jikoordina l-informazzjoni u jikoopera ma' korpi oħra ***governattivi u mhux governattivi, nazzjonali***, Ewropej u internazzjonali kompetenti.

Ġustifikazzjoni

Il-ħidma ta' l-EMAN trid tinkludi wkoll it-twettiq ta' analiżi u paragun ta' liġijiet u politiki Ewropej, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-liġijiet Ewropej u internazzjonali fuq il-livell nazzjonali, kif ukoll it-tfassil ta' rakkomandazzjonijiet u konklużjonjiet, b'koperazzjoni bejn l-atturi kollha involuti u interessati u bit-tixrid ta' informazzjoni. Bil-għan li l-paragun ta' dejta jkun possibbli fuq il-livell Ewropew, l-EMAN trid tkun tista' tikkontribwixxi lejn l-istabbiliment progressiv ta' indikaturi u kriterji komuni.

Emenda 20
Artikolu 2, paragrafu 1 a (ġdid)

L-EMN għandu jiżgura li l-attivitajiet tiegħu jkunu konsistenti u koordinati ma' l-istrumenti u l-strutturi Komunitarji rilevanti fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil.

Ġustifikazzjoni

Il-ħidma ta' l-EMAN trid tinkludi wkoll it-twettiq ta' analiżi u paragun ta' liġijiet u politiki Ewropej, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-liġijiet Ewropej u internazzjonali fuq il-livell nazzjonali, kif ukoll it-tfassil ta' rakkomandazzjonijiet u konklużjonjiet, b'koperazzjoni bejn l-atturi kollha involuti u interessati u bit-tixrid ta' informazzjoni. Bil-għan li l-paragun ta' dejta jkun possibbli fuq il-livell Ewropew, l-EMAN trid tkun tista' tikkontribwixxi lejn l-istabbiliment progressiv ta' indikaturi u kriterji komuni.

Emenda 21
Artikolu 4, Paragrafu 2, Punt (a)

jipparteċipa fit-tħejjija tal-programm annwali ta' attivitajiet ta' l-EMN, fuq il-bażi ta' abbozz mill-President;	(a) ***jikkontribwixxi lejn*** il-preparazzjoni ***u l-approvazzjoni*** tal-programm annwali ta' attivitajiet ta' l-EMN, ***inkluži ammont indikattiv ta' baġit minimu u massimu għal kull Punt ta' Kuntatt Nazzjonali, li jiżgura li jkunu koperti l-ispejjeż bażiċi li jinbtu mit-tħaddim tajjeb tan-Netwerk, skond l-Artikolu 5,*** fuq il-bażi ta' abbożż miċ-Ċhairman;

Ġustifikazzjoni

A revised text agreed by the Council concerning the competencies of the Steering Board is added, as it can be acceptable to the EP.

Emenda 22
Artikolu 4, paragrafu 2, punt (d)

jidentifika r-relazzjonijiet ta' kooperazzjoni strateġika l-aktar xierqa ma' entitajiet oħra kompetenti fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil u japprova, fejn meħtieġ, l-arranġamenti amministrativi għal tali kooperazzjoni, skond l-Artikolu 10;	d) jidentifika r-relazzjonijiet ta' kooperazzjoni strateġika l-aktar xierqa ma' entitajiet oħra ***governattivi u mhux governattivi, nazzjonali, Ewropej u internazzjonali*** kompetenti fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil u japprova, fejn meħtieġ, l-arranġamenti amministrativi

għal tali kooperazzjoni, skond l-Artikolu 10;

Ġustifikazzjoni

L-EMAN għandu jkun jista' jikoopera b'numru akbar ta' strutturi governattivi u mhux governattivi, nazzjonali, Ewropej u internazzjonali.

Emenda 23
Artikolu 5, paragrafu 1

1. Kull Stat Membru jagħżel entità waħda li taġixxi bħala Punt ta' Kuntatt Nazzjonali.	1. Kull Stat Membru jagħżel entità waħda li taġixxi bħala Punt ta' Kuntatt Nazzjonali.
	Sabiex tkun faċilitata l-ħidma ta' l-EMN u tkun żgurata l-kisba ta' l-objettivi tiegħu, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw, fejn meħtieġ, il-bżonn ta' koordinazzjoni bejn ir-rappreżentanti tagħhom fil-Bord ta' Tmexxija u l-Punt Nazzjonali tagħhom ta' Kuntatt.
Il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għandu jikkonsisti minn ta' l-inqas tliet esperti. Wieħed minn dawn l-esperti, li jkollu r-rwol ta' koordinatur nazzjonali, ikun uffiċjal jew impjegat ta' l-entità magħżula; L-esperti l-oħra jistgħu jappartjenu għal din l-entità jew għal organizzazzjonijiet nazzjonali jew internazzjonali oħra, pubbliċi jew privati, ibbażati fl-Istat Membru.	Il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għandu jikkonsisti minn ta' l-inqas tliet esperti ***minn oqsma differenti (amministrazzjoni ta' l-istat, organizzazzjonijiet mhux governattivi u universitajiet)*** u wieħed minn dawn l-esperti jkollu rwol ta' koordinatur nazzjonali, irid jkun uffiċjal jew impjegat ta' l-entità magħżula.

Ġustifikazzjoni

Huma meħtieġ li jkun żgurat li l-punt ta' kuntatt nazzjonali jkun magħmul minn esperti minn oqsma differenti u li l-ħidma tkun koordinata bejn dawn u r-rappreżentant tal-Kumitat ta' Direzzjoni.

Emenda 24
Artikolu 5, Paragrafu 2, Punt (a)

esperjenza fil-qasam ta' l-ażil u l-migrazzjoni, li jkopru l-aspetti ta' tfassil ta' politika, liġi, riċerka u statistika;	esperjenza fil-qasam ta' l-ażil u l-migrazzjoni, li jkopru l-aspetti ta' tfassil ta' politika, liġi, riċerka u statistika;

Ġustifikazzjoni

Huma meħtieġ li jkun żgurat li l-punt ta' kuntatt nazzjonali jkun magħmul minn esperti minn oqsma differenti u li l-ħidma tkun koordinata bejn dawn u r-rappreżentant tal-Kumitat ta' Direzzjoni.

Emenda 25
Artikolu 5, paragrafu 3, punt (b)

jikkontribwixxu data nazzjonali għas-sistema ta' skambju ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8;	b) jikkontribwixxu data nazzjonali, ***analiżi u evalwazzjonijiet*** tas-sistema ta' skambju ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8;

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jkun żgurat li l-punti ta' kuntatt mhux biss jiġbru d-data imma wkoll jagħmlu l-analiżi u evalwazzjonijiet.

Emenda 26
Artikolu 5, paragrafu 3, punt (c)

jiżviluppaw il-kapaċità li *joħorġu rikjesti ad hoc* indirizzati lejh u li jwieġbu malajr tali rikjesti minn Punti ta' Kuntatt Nazzjonali oħra;	c) jiżviluppaw il-kapaċita li *jagħmlu talbiet speċifiċi* lill-punti l-oħra ta' kuntatt u jirrispondu malajr għat-talbiet li jaslu mingħand punti oħra ta' kuntatt, ***kif ukoll għat-talbiet min-naħa tal-Kummissjoni, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;***

Ġustifikazzjoni
Jeħtieġ li jkun żgurat li l-punti ta' kuntatt ikunu jistgħu jirrispondu għat-talbiet magħmula mill-Kummissjoni, mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

Emenda 27
Artikolu 5, paragrafu 3, punt (d)

iwaqqfu netwerk ta' migrazzjoni nazzjonali, iffurmat minn firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet u individwi attivi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil u li jirrappreżentaw il-partijiet interessati kollha. Membri tan-netwerk nazzjonali ta' migrazzjoni jistgħu jiġu mitluba jikkontribwixxu għall-attivitajiet ta' l-	d) iwaqqfu netwerk ta' migrazzjoni ***uażil*** nazzjonali, iffurmat minn firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet ***governattivi u mhux governattivi*** u individwi attivi fl-oqsma differenti tal-migrazzjoni u l-ażil u li jirrappreżentaw il-partijiet interessati kollha ***u li jistgħu jipprovdu kapaċita u għarfien, b'mod partikulari l-***

EMN, b'mod partikolari skond l-Artikoli 8 u 9.	***universitajiet, iċ-ċenti ta' riċerka, l-NGOs u l-assoċjazzjonijiet ta' l-avukati***. Membri tan-netwerk nazzjonali ta' migrazzjoni jistgħu jiġu mitluba jikkontribwixxu għall-attivitajiet ta' l-EMN, b'mod partikolari skond l-Artikoli 8 u 9.

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jkun żgurat li l-punti ta' kuntatt ikunu jistgħu jikkoperaw ma' organizzazzjonijiet governattivi u mhux governattivi, ma' universitajiet, ma' ċentri ta' riċerka, etc.

Emenda 28
Artikolu 6, paragrafu 3

3. Wara konsultazzjoni tal-Bord ta' Tmexxija u l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali, il-Kummissjoni għandha, fil-limiti ta' l-għan ġenerali u l-karigi definiti fl-Artikoli 1 u 2, tadotta l-programm annwali ta' attivitajiet ta' l-EMN. Il-programm għandu jispeċifika l-għanijiet u prijoritajiet tematiċi. Il-Kummissjoni għandha ssegwi l-eżekuzzjoni tal-programm annwali ta' attivitajiet u tagħti rapport regolari dwar l-eżekuzzjoni tiegħu u l-iżvilupp ta' l-EMN lill-Bord ta' Tmexxija;	3. Wara konsultazzjoni tal-Bord ta' Tmexxija u l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali, il-Kummissjoni għandha, fil-limiti ta' l-għan ġenerali u l-karigi definiti fl-Artikoli 1 u 2, tadotta l-programm annwali ta' attivitajiet ta' l-EMN. Il-programm għandu jispeċifika l-għanijiet u prijoritajiet tematiċi. Il-Kummissjoni għandha ssegwi l-eżekuzzjoni tal-programm annwali ta' attivitajiet u tagħti rapport regolari dwar l-eżekuzzjoni tiegħu u l-iżvilupp ta' l-EMN lill-Bord ta' Tmexxija;

Ġustifikazzjoni

Ġie miżjud ukoll test rivedut approvat mill-Kunsill li jiżgura li l-Bord ta' Tmexxija jkollu s-setgħa li japprova l-programm annwali, peress li jista' jkun aċċettabbli għall-PE, kif ukoll referenzi għar-Regolament tal-Kunsill 1995/2006.

Amendment 29
Artikolu 7, paragrafu 5 a (ġdid)

	5a. L-attivitajiet msemmija fil-paragrafu 5, jekk mhux pjanati fil-programm attwali ta' attivitajiet, għandhom ikunu kkomunikati fi żmien xieraq lil Punti Nazzjonali ta' Kuntatt.

Ġustifikazzjoni

Qed jiġi miżjud test miftiehem mill-Kunsill, peress li jista' jkun aċċettabbli għall-PE.

Emenda 30
Artikolu 8, titolu

Sistema ta’ skambju ta’ informazzjoni	***Pubblikazzjoni, tixrid u*** skambju ta' informazzjoni

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jkun żgurat li l-informazzjoni skambjata, miġbura u elaborata mill-EMAN tkun pubblikata u mxerrda kemm jista' jkun, inkluż dawk il-partijiet interessati u l-interlokuturi kollha involuti u interessati.

Emenda 31
Artikolu 8, paragrafu 1

1. Għandha titwaqqaf sistema ta' skambju ta' informazzjoni bbażata fuq l-Internet, aċċessibbli permezz ta' websajt apposta, kif stipulat f'dan l-Artikolu.	1. Għandha titwaqqaf sistema ta' skambju ta' informazzjoni bbażata fuq l-Internet, aċċessibbli permezz ta' websajt apposta, kif stipulat f'dan l-Artikolu.

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jkun żgurat li l-informazzjoni skambjata, miġbura u elaborata mill-EMAN tkun pubblikata u mxerrda kemm jista' jkun, inkluż dawk il-partijiet interessati u l-interlokuturi kollha involuti u interessati.

Emenda 32
Artikolu 8, paragrafu 2

2. Il-kontenut ta' din is-sistema ta' skambju ta' informazzjoni jkun normalment pubbliku.	2. Il-kontenut ta' din is-sistema ***ta' pubblikazzjoni, tixrid u*** skambju ta' informazzjoni jkun normalment pubbliku.
L-aċċess għal informazzjoni ta' natura kunfidenzjali tista' tiġi ristretta għall-EMN biss.	L-aċċess għal informazzjoni ta' natura kunfidenzjali tista' tiġi ristretta għall-EMN biss.

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jkun żgurat li l-informazzjoni skambjata, miġbura u elaborata mill-EMAN tkun pubblikata u mxerrda kemm jista' jkun, inkluż dawk il-partijiet interessati u l-interlokuturi

kollha involuti u interessati.

Emenda 33
Artikolu 8, paragrafu 3, punt (f)

direttorju ta' riċerkaturi u istituzzjonijiet ta' riċerka fil-qasam tal-migrazzjoni u ażil.	f) direttorju tar-riċerkaturi u ta' l-istituti ta' riċerka fis-setturi tal-migrazzjoni u ta' l-ażil, ***kif ukoll ta' l-NGOs u ta' l-organizzazzjonijiet nazzjonali, Ewropej u internazzjonali.***

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jkun żgurat li l-informazzjoni skambjata, miġbura u elaborata mill-EMAN tkun pubblikata u mxerrda kemm jista' jkun, inkluż dawk il-partijiet interessati u l-interlokuturi kollha involuti u interessati.

Emenda 34
Artikolu 9, paragrafu 1

1. Kull Punt ta' Kuntatt Nazzjonali kull sena għandu jipproduċi rapport li jiddeskrivi s-sitwazzjoni ta' migrazzjoni u ażil fl-Istat Membru, li jinkludu żviluppi politiċi u data statistika.	1. Kull Punt ta' Kuntatt Nazzjonali kull sena għandu jipproduċi rapport li jiddeskrivi s-sitwazzjoni ta' migrazzjoni u ażil fl-Istat Membru, li jinkludu żviluppi politiċi u data statistika.

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jkun żgurat li l-EMAN twettaq studji dwar l-iżviluppi statistiċi, politiċi u anki ġuridiċi fil-qasam ta' l-immigrazzjoni u l-ażil.

Emenda 35
Artikolu 10, paragrafu 1

1. L-EMN għandu jikkoopera ma' entitajiet fl-Istati Membri jew f'pajjiżi terzi inklużi organizzazzjonijiet internazzjonali, kompetenti fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil.	1. L-EMN għandu jikkoopera ma' ***organiżmi u organizzazzjonijiet governattivi u mhux governattivi ta' l-Unjoni Ewropea***, ta' l-Istati Membri ***u*** ta' pajjiżi terzi ***u ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali*** kompetenti fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil.

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jkun żgurat li l-EMAN jikkopera ma' l-istrutturi l-oħra, l-orgamiżmi u l-organizzazzjonijiet governattivi u mhux governattivi ta' l-UE, ma' l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet internazzjonali.

Emenda 36
Article 15, bparagraph 1

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2008.	Din id-Deċiżjoni għandha tibda tapplika ***mill-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea***.

Ġustifikazzjoni

Emenda teknika

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Parlament Ewropew huwa konsultat dwar Proposta ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni, mfassal mill-Kummissjoni Ewropea.

Diġà jeżisti Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni u jibbża l-ħidma tiegħu fuq numru ta' punti ta' kuntatt nazzjonali. Inħoloq permezz ta' proġett pilota, segwit minn azzjoni preparatorja. Issa jonqos biss li tkun żgurata bażi legali xierqa għat-tħaddim tan-Netwerk permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li l-Parlament issejjaħ biex jeżamina.

Ir-Rapporteur jaqbel bis-sħiħ mal-linji prinċipali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni u mal-ftehim ġenerali li ħareġ mill-Kunsill, partikularment bl-idea li tali struttura tkun imsaħħa taħt forma ta' Netwerk, u li, għallinqas għalissa, ma jinħolqx punt ieħor ta' osservazzjoni jew agenzija Ewropea, u b'hekk tkun evitata burokrazija żejda. Il-ġbir ta' dejta, informazzjoni u analiżi jista' jsir b'mod effiċjenti minn Netwerk li jiżgura li l-ħidma komuni, fuq il-livell Ewropew, tal-korpi kompetenti jew interessati fil-livell nazzjonali u internazzjonali.

Il-Kunsill ħadem b'ħeffa estrema fuq il-proposta tal-Kummissjoni, u laħaq ftehim sostanzjali dwar il-proposta u bidilha biss fi ftit punti. Madankollu, il-parir tal-Parlament Ewropew mhux sempliċement formalità, u għalhekk ir-Rapporteur tistieden lill-Kunsill sabiex jikkunsidrah sew bil-għan li l-Proposta ta' Deċiżjoni tkun adottata b'mod definittiv. Min-naħa tiegħu r-Rapporteur introduċa emendi li jkomplu fuq proposti tal-Kunsill, bil-għan li jintlaħaq ftehim bejn l-istituzzjonijiet dwar it-test li qed ikun eżaminat.

Fir-rapport elaborat għall-Parlament Ewropew, huwa propost, b'mod partikulari, dan li ġej:

- il-modifika ta' l-isem attwali tan-Netwerk minn "Netwerk Ewropea dwar il-Migrazzjoni (EMN)" għal "Netwerk Ewropea dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil (EMAN)". Tali proposta tinbet mill-fatt sempliċi li n-Netwerk hija dwar il-migrazzjoni imma tinkludi wkoll l-ażil, u għalhekk jidher xieraq u loġiku li dan ikunu rifless fl-isem tan-Netwerk u fl-akronimu tiegħu;

- it-twessigħ tal-mandat tan-Netwerk, bil-għan li jkun possibbli li jsiru studji, analiżi u evalwazzjonijiet fil-qasam ta' l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttivi, issir preparazzjoni ta' analiżi tat-tip legali u jitfasslu konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet, anki fuq talba tal-Parlament Ewropew kif ukoll ta' istituzzjonijiet oħra, biex il-ħidma tan-Netwerk titwettaq tkun utli u effettiva u ta' profitt għall-partijiet interessati involuti fil-proċessi ta' deċiżjoni;

- l-EMAN għadu l-għan li jiġbor informazzjoni u jagħmel skambju ta' **dejta li tista' tkun paragunata** fuq il-livell Ewropew fil-qasam ta' l-immigrazjoni u l-ażil. Sabiex ikun żgurat li dan iseħħ b'mod effettiv, huwa meħtieġ li jkun iċċarat li l-objettivi huwa dak li jkunu mfassla, fuq il-livell Ewropew, **kriterji u indikaturi komuni;**

- huwa meħtieġ li jkun żgurat li l-EMN tkun tista' taħdem b'koperazzjoni mill-qrib ma' korpi oħra u partijiet interessati fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil: minn ta' l-ewwel l-amministrazzjoni governattiva, kif ukoll l-NGOs, l-universitajiet, iċ-ċentri ta' riċerka, l-esperti, l-organizzazzjonijiet internazzjoanli, l-Istati terzi, sabiex tinkiseb data minn bosta

għejun u jkun hemm approċċ multidixxiplinari.

- l-EMAN għandu jagħmel sforz biex jikkomunika u xxerred ix-xogħol tiegħu, u dan jagħmel lill-EMAN aktar viżibbli. Għal dan l-iskop, se jkun neċessarju, b'mod partikulari, l-użu ta' l-internet bil-għan li jkunu ppubblikati u mxerrda d-data u l-analiżi, skond ir-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess għad-dokumenti.

- ir-Rapporteur ma jistax jaċċetta l-proposta tal-Kunsill rigward il-modifika ta' l-Artikolu 4 tal-Proposta ta' Deċiżjoni, fejn huma definiti l-kompożizzjoni u l-kompiti tal-Kumitat ta' Direzzjoni ta' l-EMAN, biex il-PE ikollu biss l-irwol li josserva mingħajr dritt ta' vot, filwaqt li l-Kummissjoni - appoġġjata bis-sħiħ mir-Rapporteru - tipproponi li l-PE ikollu r-rappreżentant tiegħu bid-dritt tal-vot.

- barra minn hekk l-EMAN irid **jevita li x-xogħol tiegħu jikkonċidi ma' dak ta' korpi oħra Ewropej**, u minflok jikkollabora ma' tali korpi billi jsejjes il-ħidma tiegħu fuq dik diġà mwettqa, fi sforz ta' koperazzjoni u kollaborazzjoni sħiħa.

Bħala konklużjoni, ir-Rapporteur tistieden lill-Parlament Ewropew biex japprova l-proposta tal-Kummissjoni flimkien ma' l-emendi ppreżentati, sabiex in-Netwerk jitwaqqaf mill-aktar fis possibbli matul is-sena 2009.